MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1507/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Philip Agius & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mija u erbghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm140.47), danni kkagunati f’cables tas-socjeta attrici, meta b’nuqqas ta’ hila u traskuragni gew ikkawzati hsarat waqt xogholijiet fi Triq San Gwann gharghur f’Marzu 2001.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm mill-atti jirrizulta li giet debitament notifikata, naqset milli tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u milli tidher ghas-seduti.

Semgha lil Dr. Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjeta attrici tixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm140.47), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**